Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 337/2009

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Justin Bartolo**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta' Settembru 2009, permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, tlett mija, sebgha u tmenin euro u tnejn u tmenin euro centesmu (€6387.82) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut Justin Bartolo lis-socjeta attrici in kwantu ghal servizzi terzi lilha mis-socjeta attrici fix-xhur ta' bejn is-snin 2007 u 2009 u dan in segwitu ta, u skond il-Client Contract Number 2070 liema kuntratt huwa ffirmat mill-konvenut.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-tletin (30) ta' Mejju 2009 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat mar-rikors promotur u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat illi il-konvenut kien debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni permezz ta' riferta posittiva tal-Marixxal Mario Mizzi datat tmintax (18) ta' Settembru 2009 a fol. 5 tal-process.

Illi fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2009 is-socjeta attrici pprezentat Kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2009 il-konvenut gie msejjah diversi drabi izda baqa ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat it-talba attrici hija gustifikata u d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta attrici timmerita konferma.

**Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef, tlett mija, sebgha u tmenin euro u tnejn u tmenin euro centesmu (€6387.82) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------